MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2012

Numru 737/2012

Il-Pulizija
(Spettur Godwin Scerri)

vs

Jesmond Haidon

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ l-identita’ numru 70471M, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar is-17 ta’ Lulju 2012 ghall-habta tal-4:30p.m minn fuq il-bajja ta’ San Gorg, f’San Giljan,

1. ikkommetta serq ta’ zewg mobile phones, nuccali, arlogg tal-idejn u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta’ Christian Cresenza ta’

nazzjonalita’ Taljana, bi ksur ta’ l-Artikolu 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommetta serq ta’ mobile phone, nuccali, hwejjeg u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta’ Michele D’Ambrosi ta’ nazzjonalita’ Taljana, bi ksur ta’ l-Artikoli 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommetta serq ta’ nuccali, hwejjeg u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta’ Quirino Caldiero ta’ nazzjonalita’ Taljana, bi ksur ta’ l-Artikolu 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
4. fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommetta serq ta’ mobile phone u dan ghad-detriment ta’ Michele Valentino ta’ nazzjonalita’ Taljana, bi ksur ta’ l-Artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
5. fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommetta serq ta’ mobile phone u dan ghad-detriment ta’ Pietro Paolo Peruso ta’ nazzjonalita’ Taljana, bi ksur ta’ l-Artikoli 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
6. naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr. S. Meli LL.D. fid-digriet tieghu datat nhar il-31 ta’ Ottubru, 2010 li bih ta helsien mill-arrest taht garanzija.
7. wettaq reat matul il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkunsidra lill-imputat bhala recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni nsista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jirreferu ghal hames serqiet kommessi fis-17 ta' Lulju ta' din is-sena. Huma lkoll aggravati bil-valur b'din pero' li minn inkien ma jirrizulta li dan il-valur kien jissupera l-2,329 Ewro.

Ghal dan is-serq kif ukoll ghall-ahhar zewg imputazzjonijiet l-ohra l-imputat irregistra ammissjoni. Din l-ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu inkluza dik li naqas li jhares il-kundizzjonijiet imposti b'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta u li r-reati saru f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, wkoll li l-imputat huwa recediv.

Rat l-Artikoli 261(c), 279(b), 18, 49, 50, 28B(1), 28F, 575 u 17 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali tieghu li minnha jirrizulta li l-hati gia' kellu precedent ta' serq.

Tikkundannah tmien xhur prigunerija u tordna li s-sentenza sospiza tibda isehh.

Bhala informazzjoni biss l-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs li l-hati huwa tossiku dipendenti b'dan li tirrakkomenda li jekk il-kas tinghatalu xi ghajnuna.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------